A.L. 236 ta' l-2011

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-2011 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2011 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artiklu b'seħħ mill-1 ta' Ġunju, 2011.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art magħrufa bħala Blokk IV li tikkonsisti f'30 unità residenzjali, li teskludi s-sottoswol fi Triq San Pietru, Triq San Pawl, Triq il-Vittorja, Triq San Lawrenz u Triq iż-Żewġ Mini fl-Isla u ta' madwar 1, 476 metru kwadru. Il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq iż-Żewġ Mini, mill-Majjistral ma' Triq San Pietru u San Pawl, u mil-Lbiċ ma' Triq il-Vitorja u jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 272 datata 7 ta' Marzu 2010. L-art fejn jinsab Blokk IV tinsab reġistrata mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern bħala Tenement E26181 u delineata bl-aħmar u markata bħala 'Blokk IV' fuq il-pjanta P.D. 2010_913 (HAA 9/2011).

(2) Biċċa art magħrufa bħala Blokk 5A li tikkonsisti f'ħames appartamenti, sebat idjar, tliet iħwienet u garaxx, li

teskludi s-sottoswol fi Triq is-Sur u Triq D'Homedes fl-Isla u ta' madwar 585 metru kwadru. Il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq D'Homedes, mill-Majjistral ma' Triq San Mikiel, u mil-Lbiċ ma' Triq is-Sur u jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 573 datata 3 ta' Ġunju 2010. L-art fejn jinsab Blokk 5A tinsab reġistrata mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern bħala Tenement E26205 u delineata bl-aħmar u markata bħala 'Blokk 5A' fuq il-pjanta P.D. 2010_944 (HAA10/2011).

(3) Biċċa art magħrufa bħala Plot 8, li tifforma parti mill-Qasam tad-Djar ta' San Silvestru, fil-Mosta u ta' madwar 136.80 metru kwadru. Il-plot imsemmi jmiss mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern, min-Nofsinhar ma' propjetà privata, u mill-Punent ma' Triq San Silvestru u soġġett għal ċens temporanju għal perjodu ta' 150 sena li bdew jiddekorru mid-9 t'Ottubru 1974 b'Kuntratt fl-atti tan-Nutar A. Grech. Din l-art kienet tifforma parti minn proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tagħmel parti minn Tenement 50250 u tinsab delineata bl-aħmar u markata bħala 'P. 8.' fuq il-pjanta L.D. 43/81/3 (HAP 9/2009).

(4) Biċċa art magħrufa bħala Plot A, li tifforma parti mill-Qasam tal-Bini tal-Gvern tal-Wej, fil-limiti tal-Mosta u ta' madwar 187 metru kwadru. Din l-art tmiss mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar, u mix-Xlokk ma' Triq l-Għadajjar, u tinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bl-Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini (Att I ta' l-1983), b'Kuntratt Nru. 106 datat 9 ta' Ġunju 2009 fl-atti tan-Nutar D. Charles u bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 739 datat 22 ta' Lulju 2010. L-art tinsab reġistrata bħala Tenement Nru. X05423 u delineata bl-aħmar u markata bħala plot 'A' fuq il-pjanta P.D. 131_90_4_A (HAM 104/88).

(5) Żewġ biċċiet art li jikkonsistu fi Plots 86 (Sit A) u 87 (Sit B) fil-Qasam tad-Djar tal-Imqabba, Triq Mikiel Zammit, fl-Imqabba. Plot 86 hu ta' madwar 237.50 metru kwadru u jmiss mit-Tramuntana ma' Triq Mikiel Zammit, mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern, u min-Nofsinhar ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar u reġistrat bħala Tenement X06209 mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern. Plot 87 hu ta' madwar 216 metru kwadru u jmiss mit-Tramuntana ma' Triq Mikiel Zammit, mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern, u min-Nofsinhar ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar

u reġistrat bħala Tenement X06210 mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern. Dawn il-plots jinsabu fuq parti minn proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratti Nru. 48/92 datat 4 ta' Marzu 1992, Nru. 14/93 datat 27 ta' Jannar 1993, Nru. 14/94 datat 21 ta' Jannar 1993, Nru. 219/94 datat 14 ta' Settembru 1994, Nru. 151/01 datat 19 ta' Settembru 2001 u Nru. 184/99 datat 24 ta' Settembru 1999, kollha fl-atti tan-Nutar V. Miceli. L-art hi delineata bl-aħmar u markata bħala Sit 'A' u Sit 'B' fuq il-pjanta P.D. 89_86_8 (HAM 80/81).

(6) Biċċiet art 1 sa 14, 15 sa 26, 47, 48 u 62, fil-Qasam tad-Djar f'Għajn Dwieli, Paola, markati bħala Plots A sa C u delineati bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2011_291_A, kif ġej:-

(a) Plot A, tal-kejl ta' madwar 2, 556.66 metru kwadru u reġistrat bħala Tenement E 26355 mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern. Il-Plot jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru.271 datata 23 ta' Marzu 2011. Plot A jmiss mill-Majjistral ma' Triq Għajn Dwieli, mix-Xlokk ma' Triq Fr. Charles Plater, u mil-Lbiċ ma' Triq l-Ammiraljat;

(b) Plot B, tal-kejl ta' madwar 2, 217.13 metru kwadru u reġistrat bħala Tenement E 26356 mat-Taqsima proprjetà tal-Gvern. Il-Plot jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru.271 datata 23 ta' Marzu 2011. Plot B jmiss mill-Majjistral parzjalment ma' Triq Għajn Dwieli u parzjalment ma' proprjetà privata, mill-Grigal ma' Triq l-Ammiraljat, u min-Nofsinhar ma' Triq il-Vittmi tax-Xogħol;

(ċ) Plot C, tal-kejl ta' madwar 471.80 metru kwadru u reġistrat bħala Tenement E 26357 mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern. Il-Plot jinsab fuq Proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 271 datata 23 ta' Marzu 2011. Plot C jmiss mill-Majjistral ma' Triq il-Vittmi tax-Xogħol, mil-Lbiċ ma' Triq l-Għaqdiet tal-Ħaddiema, u mill-Grigal ma' Triq il-Ħidma (HAM 856/88).

(7) Biċċa art li tifforma parti minn Entratura 1, Binja tal-Qarbuni, fi blokk fi Triq Jean De La Cassiere f'San Pawl il-Baħar, ta' madwar 61 metru kwadru. Din l-art tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern konċessa b'enfitewsi

temporanju, mil-Lbiċ ma' triq pubblika u mill-Grigal ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru.738 datata 22 ta' Lulju 2010. L-art tinsab reġistrata bħala Tenement Nru. E21496 u delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2008_279_1 (HAM 41/99).

(8) Biċċa art magħrufa bħala Plot 107 u Sit B fi Triq iċ-Ċikas, Bulebel iż-Żgħir, Żabbar H.O.S., Żabbar, soġġetti għal ċens temporanju għal perjodu ta' 150 sena li bdew jiddekorru mis-7 t'Ottubru 1970. Kemm il-Plot u s-Sit imissu mill-Punent ma' Triq iċ-Ċikas, min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant ma' spazju miftuħ, jinsabu reġistrati fl-atti tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement 65924 u jinsabu delineati bl-aħmar u markati bħala 'Plot 107' u Sit 'B' rispettivament, fuq il-pjanta L.D. 37/81/39 u l-Plot kienet qabel tagħmel parti minn Tenement 50771 (HAP 6/2010).

(9) Fond bin-numru 86, Triq Erin Serracino Inglott, Bormla (J.O. Number R/1317/1997; Title Number 05000011).

(10) Fond bin-numru 87, Triq Erin Serracino Inglott, Bormla (J.O. Number R/19/2003; Title Number 05000011).

(11) Fond bin-numru 88, Triq Erin Serracino Inglott, Bormla (J.O. Number R/1322/1997; Title Number 05000011).

(12) Fond bin-numru 89, Triq Erin Serracino Inglott, Bormla (J.O. Number R/1321/1997; Title Number 05000011).

(13) Fond bin-numru 90, Triq Erin Serracino Inglott, Bormla (J.O. Number R/1320/1997; Title Number 05000011).

(14) Fond bin-numru 91, Triq Erin Serracino Inglott, Bormla (J.O. Number R/1319/1997; Title Number 05000011).

(15) Blokk 15, Flat numru 8, Begonia Path, Santa Luċija (Tenement No. 64576 – HA 538/99).

(16) Fond bin-numru 139, Flat 1, Triq il-Merkanti, Valletta (J.O. Number R/37/1999; Title Number 01000831).

(17) Fond bin-numru 139, Flat 2, Triq il-Merkanti, Valletta (J.O. Number R/1031/1997; Title Number 01000831).

(18) Fond bin-numru 139, Flat 3, Triq il-Merkanti, Valletta (J.O. Number R/1032/1997; Title Number 01000831).

(19) Fond bin-numru 139, Flat 4, Triq il-Merkanti, Valletta (J.O. Number R/1033/1997; Title Number 01000831).

(20) Fond bin-numru 138, Triq il-Merkanti, Valletta (J.O. Number R/35/1999; Title Number 01000831).

(21) Fond bin-numru 140, Triq il-Merkanti, Valletta (J.O. Number R/36/1999; Title Number 01000831).

(22) Blokk K, Flat numru 1, Qasam Hal-Tmiem, Zejtun (Tenement No. 074146 – HA 313/2003).